# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 36/2017**

Il-Pulizija

vs

**Roger Mahlangu**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 65483(M).

Illum, 18 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roger Mahlangu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli naqas li jaghti lil Claire Booker, is-somma ta' €200, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntatt kellha tithallas is-somma ghall-perjodu 10.08.2016 sa 07.09.2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni l-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimghatejn

detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Roger Mahlangu pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2017 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-htija u tirriformaha in kwantu ghal piena billi timponi piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan huwa appell limitat ghal piena.

Illi l-appellant jixtieq jaghmilha cara li l-hlas tal-manteniment b'mod tardiv m'huwiex sforz ta' xi kapricc tieghu izda huwa biss minhabba l-problerni finanzjarji serji li ghaddej minnhom l-appellant li wasslu biex jaghmluha impossibli ghalih li jhallas il-manteniment fil-hin.

Illi l-appellant assolutament m'huwiex ilahhaq mal-ispejjez tal-hajja u qed ibati hafna tbatija minhabba I-problemi finanzjari serji li ghaddej minnhom.

Illi inoltre, l-appellant jinsab imweggha u ma jistax' jahdem aktar minn ftit sieghat fil-gimgha.

Illi l-appellant jissottometti li l-piena ta' gimghatejn detenzjoni, ghalkemm fil-paramteri tal-ligi, hija eccessiva ghall-ahhar, ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatturi li jimmitigaw ir-reat u mhux ser iservi xejn hlief li l-appellant ikompli jmur lura fil-pozizzjoni finanzjarja tieghu biex b'hekk il-habs, flok deterrent, isir cirku vizzjuz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2017 l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, tilqa l-appell ta' Roger Mahlangu li hu limitat ghal piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.